

19.2.2014

A7-0085/8

Emenda 8
Sven Giegold
fisem il-Grupp Verts/ALE

Rapport
Werner Langen
Il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni
COM(2012)0360 – C7-0180/2012 – 2012/0175(COD)

A7-0085/2014

Proposta għal direttiva
Artikolu 24 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) l-ispejjeż u t-tariffi assoċjati kollha relatati mal-intermedjazzjoni fl-assigurazzjoni jew servizzi anċillari li jridu jinkludu l-ispiża tal-konsulenza, fejn rilevanti, l-ispiża tal-istrument finanzjarju rakkomandat jew offrut għall-bejgħ lill-klijent u l-mod kif il-klijent jista' jħallas għalih, flimkien ma' kwalunkwe pagament lil parti terza;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-inklużjoni tat-test tal-Artikolu 24(3)(d) tad-Direttiva MIFID

19.2.2014

A7-0085/9

Emenda 9

Sven Giegold

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Rapport

Werner Langen

Il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni

COM(2012)0360 – C7-0180/2012 – 2012/0175(COD)

A7-0085/2014

Proposta għal direttiva

Artikolu 24 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. L-informazzjoni dwar l-ispejjeż u t-tariffi kollha, inklużi l-ispejjeż u t-tariffi b'rabta mas-servizz ta' intermedjazzjoni u l-prodott tal-assigurazzjoni li ma jirriżultawx mill-okkorrenza ta' riskji sottostanti fis-suq, għandhom jiġu aggregati biex jippermettu lill-klijent jifhem l-ispiża ġenerali kif ukoll l-effett kumulattiv fuq ir-rendiment tal-investment, kif ukoll, jekk jintalab mill-klijent, lista mqassma skont l-oġġetti. Fejn applikabbli, tali informazzjoni għandha tiġi pprovduta lill-klijent fuq bażi regolari, tal-anqas kull sena, tul il-perjodu ta' validità tal-investment.

L-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu u fil-paragrafu 6a għandha tiġi pprovduta f'format li jinftehem b'tali mod li l-klijenti jew il-klijenti potenzjali jkunu raġonevolment kapaċi jifhmu n-natura u r-riskji tas-servizz tal-investment u tat-tip speċifiku ta' prodott ta' investment fl-assigurazzjoni li qed jiġi offrut u, konsegwentement, ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet dwar l-investment fuq bażi infurmata. L-Istati Membri jistgħu jippermettu li dik l-informazzjoni tiġi pprovduta f'format standardizzat.

Or. en

AM\1020339MT.doc

PE529.531v01-00

Ġustifikazzjoni

L-inklużjoni tat-test tal-Artikolu 24(3) tad-Direttiva MIFID

19.2.2014

A7-0085/10

Emenda 10

Sven Giegold

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Rapport

Werner Langen

Il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni

COM(2012)0360 – C7-0180/2012 – 2012/0175(COD)

A7-0085/2014

Proposta għal direttiva

Artikolu 24 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. F'każijiet fejn il-prodott ta' investiment fl-assigurazzjoni jiġi offrut b'hal parti minn prodott finanzjarju li diġà huwa suġġett għal dispożizzjonijiet oħra tal-liġi tal-Unjoni b'rabta ma' istituzzjonijiet ta' kreditu u krediti għall-konsumaturi fir-rigward tar-rekwiżiti dwar l-informazzjoni, dan is-servizz m'għandux ikun suġġett b'mod addizzjonali għall-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3.

Fejn intermedjarju tal-assigurazzjoni jinforma lill-klijent li l-konsulenza dwar l-investiment tingħata fuq bażi indipendenti, id-ditta:

(a) għandha tivvaluta firxa suffiċjenti ta' prodotti ta' investiment fl-assigurazzjoni disponibbli fis-suq li għandhom ikunu differenti biżżejjed f'dak li huma t-tip u l-emittenti jew il-fornituri tal-prodott tagħhom biex ikun garantit li l-objettivi ta' investiment tal-klijent jistgħu jintlaħqu kif xieraq, u m'għandhiex tillimita ruħha għal prodotti ta' investiment fl-assigurazzjoni maħruġa jew ipprovdoti:

(i) mid-ditta tal-investiment innifisha jew minn entitajiet li għandhom rabtiet mill-qrib mad-ditta tal-investiment; jew

(ii) minn entitajiet oħra li d-ditta tal-

investment għandha rabtiet legali jew ekonomiċi tant mill-qrib magħhom, bħal rabtiet kuntrattwali, li jistgħu jirriskjaw li jikkompromettu l-bażi indipendenti tal-konsulenza pprovduta,

(b) m'għandhiex taċċetta jew iżżomm ħlasijiet, kummissjonijiet jew kwalunkwe benefiċċju fi flus jew mhux fi flus imħallsa jew ipprovduti minn kwalunkwe parti terza jew persuna li taġixxi f'isem parti terza b'rabta mal-forniment tas-servizz lill-klijenti. Benefiċċji żgħar mhux fi flus li jkunu kapaċi jtejbu l-kwalità tas-servizz ipprovdut lil klijent u li jkunu ta' skala u natura tali li ma jkunux jistgħu jitqiesu li jdgħajfu l-konformità mad-dmir tal-intermedjarju tal-assigurazzjoni li jaġixxi fl-aħjar interess tal-klijent, għandhom jiġu żvelati b'mod ċar u huma esklużi minn din id-dispożizzjoni.

Meta jipprovdi servizz ta' mmaniġġjar ta' portafolji, l-intermedjarju tal-assigurazzjoni m'għandux jaċċetta jew iżżomm ħlasijiet, kummissjonijiet jew kwalunkwe benefiċċju fi flus jew mhux fi flus imħallsa jew ipprovduti minn kwalunkwe parti terza jew persuna li taġixxi f'isem parti terza b'rabta mal-forniment tas-servizz lill-klijenti. Benefiċċji żgħar mhux fi flus li jkunu kapaċi jtejbu l-kwalità tas-servizz ipprovdut lil klijent u li jkunu ta' skala u natura tali li ma jkunux jistgħu jitqiesu li jdgħajfu l-konformità mad-dmir tad-ditta tal-investment li taġixxi fl-aħjar interess tal-klijent, għandhom jiġu żvelati b'mod ċar u huma esklużi minn din id-dispożizzjoni.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-intermedjarji tal-assigurazzjoni ma jitqiesux li qed jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 23 jew l-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu meta dawn iħallsu jew jitħallsu kwalunkwe tariffa jew kummissjoni, jew jipprovdu jew jiġu pprovduti bi kwalunkwe benefiċċju mhux fi flus b'rabta mal-forniment ta' prodott

ta' investiment fl-assigurazzjoni jew servizz anċillari lil jew minn kwalunkwe parti għajr il-klijent jew persuna li taġixxi f'isem il-klijent, ħlief fejn il-pagament jew il-benefiċċju:

- huma mfassla sabiex itejbu l-kwalità tas-servizz rilevanti lill-klijent; kif ukoll

- ma jgħarrqux il-konformità mad-dmir tad-ditta li taġixxi b'mod onest, ġust u professjonali skont l-aħjar interess tal-klijenti tagħha.

L-eżistenza, in-natura u l-ammont tal-pagament jew il-benefiċċju msemmija fl-ewwel subparagrafu, jew, fejn l-ammont ma jkunx jista' jiġi aċċertat, il-metodu li bih jiġi kkalkulat dak l-ammont, għandhom jiġu żvelati b'mod ċar lill-klijent, b'mod li jkun komprensiv, preċiż u li jinftiehem, qabel il-forniment tal-investiment rilevanti jew tas-servizz anċillari. Fejn applikabbli, id-ditta tal-investiment għandha tinforma wkoll lill-klijent dwar il-mekkaniżmi għat-trasferiment lill-klijent tat-tariffa, il-kummissjoni, il-benefiċċju fi flus jew mhux fi flus li jaslu b'rabta mal-forniment tal-intermedjazzjoni fl-assigurazzjoni jew is-servizz anċillari.

Il-pagament jew il-benefiċċju li jippermettu jew li jkunu meħtieġa għall-forniment ta' servizzi ta' investiment, bħall-ispejjeż tal-kustodja, tariffi tal-ikklerjar u l-iskambju, id-dazji regolatorji jew it-tariffi legali, u li, fin-natura tagħhom, ma jistgħux joħlqu kunflitti mad-dmirijiet tad-ditta li taġixxi b'mod onest, ġust u professjonali skont l-aħjar interess tal-klijenti tagħha, m'humiex suġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel subparagrafu.

Ditta tal-investiment li tipprovi servizzi tal-investiment lill-klijenti tagħha għandha tiżgura li din ma tirrimunerax jew tivvaluta l-prestazzjoni tal-persunal tagħha b'mod li jkun kunfliġġenti mad-dmir li għandha li taġixxi fl-aħjar interess

tal-klijenti tagħha. B'mod partikolari, din m'għandhiex tagħmel arranġamenti fil-forma ta' rimunerazzjoni, miri tal-bejgħ jew mod ieħor li jistgħu jinċentivaw lill-persunal tagħha sabiex jirrakkomanda strument finanzjarju partikolari lil klijent bl-imnut, meta d-ditta tista' toffri strument finanzjarju differenti li jkun jilħaq aħjar il-ħtiġijiet tal-klijent.

Ditta tal-investment li toħloq strumenti għandha tagħmel disponibbli lil kwalunkwe distributtur l-informazzjoni adegwata kollha dwar l-istrument finanzjarju u l-proċess ta' approvazzjoni tal-prodott, inkluż is-suq identifikat fil-mira tal-prodott.

Fejn ditta tal-investment toffri jew tirrakkomanda strumenti finanzjarji li ma tkunx toħloqhom hi, din għandu jkollha stabbiliti arranġamenti adegwati sabiex tikseb l-informazzjoni msemmija fis-subparagrafu preċedenti u biex tifhem il-karatteristiċi u s-suq fil-mira maħsub għal kull strument finanzjarju.

*Dawn il-politiki, proċessi u arranġamenti għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti l-oħrajn kollha skont din id-Direttiva u skont ir-Regolament (UE) Nru .../... *, inklużi dawk relatati mal-iżvelar jew l-adeqwatezza, l-identifikazzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u l-inċentivi.*

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-inklużjoni tat-test tal-Artikolu 24, paragrafi 4-6 tad-Direttiva MIFID

19.2.2014

A7-0085/11

Emenda 11

Sven Giegold

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Rapport

Werner Langen

Il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni

COM(2012)0360 – C7-0180/2012 – 2012/0175(COD)

A7-0085/2014

Proposta għal direttiva

Artikolu 25 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Intermedjarju tal-assigurazzjoni għandu jżomm u jħaddem arranġamenti organizzattivi u amministrattivi effettivi bil-ħsieb li jieħu l-passi raġonevoli kollha mfassla sabiex jipprevjenu li l-kunflitti ta' interess kif imsemmija fl-Artikolu 23 jaffettwaw b'mod negattiv l-interessi tal-klijenti tiegħu.

Kumpanija tal-assigurazzjoni li toħloq strumenti finanzjarji għall-bejgħ lill-klijenti għandha żżomm, tħaddem u teżamina mill-ġdid proċess għall-approvazzjoni ta' kull prodott tal-assigurazzjoni jew adattamenti sinifikanti għall-prodotti tal-assigurazzjoni eżistenti qabel ma dawn jiġu kkummerċjalizzati jew imqassma lill-klijenti.

Il-proċess ta' approvazzjoni tal-prodott għandha tispeċifika suq identifikat fil-mira ta' klijenti aħħarija fi ħdan il-kategorija rilevanti ta' klijenti għal kull prodott u jiżgura li jiġu vvalutati r-riskji rilevanti kollha għal tali suq identifikat fil-mira u li l-istrateġija ta' distribuzzjoni maħsuba hija konsistenti mas-suq identifikat fil-mira.

Il-kumpanija tal-assigurazzjoni għandha teżamina mill-ġdid ukoll fuq bażi regolari l-istrumenti finanzjarji offruti jew kummerċjalizzati mid-ditta, filwaqt li tqis

AM\1020339MT.doc

PE529.531v01-00

*kwalunkwe avveniment li jista'
materjalment jaffettwa r-riskju potenzjali
għas-suq identifikat fil-mira, biex tal-
anqas tivvaluta jekk il-prodott jibqax
konsistenti mal-ħtiġijiet tas-suq identifikat
fil-mira u jekk l-istrateġija ta'
distribuzzjoni maħsuba għadhiex
adegwata.*

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test tal-Artikolu 16(3) tad-Direttiva MIFID għandu jiġi inkluż fl-Artikolu 25 tat-test tad-Direttiva IMD